VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 18,947, 27 ta' Lulju, 2012
Taqsima B

A.L. 251 tal-2012

ATT DWAR L-IMMIGRAZZJONI (KAP. 217)

Regolamenti tal-2012 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Bord tal-Viżitaturi għal Persuni Detenuti

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 36 tal-Att dwar l-Immigrazzjoni, il-Ministru tal-Intern għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u għan.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2012 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Bord tal-Viżitaturi għal Persuni Detenuti, u dawn ir-regolamenti għandhon jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Bord tal-Viżitaturi għal Persuni Detenuti, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 217.08

(2) L-għan ta' dawn ir-regolamenti hu biex tiġi implimentata parti mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar *standards* u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment.

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu (g) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu (h); u

(b) minnufih wara l-paragrafu (f) tiegħu, għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

> "(g) li jissorvelja l-proċeduri li għandhom x'jaqsmu mar-ritorn involontarju ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Immigrazzjoni u r-Regolamenti dwar *Standards* u Proċeduri Komuni għar-Ritorn ta' Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment;". Cap. 217. S.L. 217.12

Kif għandhom jinqraw referenzi fir-regolamenti prinċipali.

3. Fir-rigward tal-monitoraġġ ta' ritorn involontarju, ir-referenzi fir-regolamenti prinċipali għall-"Kap (Servizzi ta' Detenzjoni)" jew "Kap" għandhom, *mutatis mutandis*, jinftiehmu bħala referenzi għall-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni.